VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,988, 8 ta' Mejju, 2018*
*Taqsima B*

**A.L. 151 tal-2018**

## ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

## Regolamenti tal-2018 dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 84, 93 u 131 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, bi ftehim mal-Prim Ministru, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fid-9 ta' April, 2018.

**2.** (1) Kull resident ta' - Livell ta' trattament.

(a) servizz residenzjali finanzjat mill-istat għall-kura u l-benesseri tal-anzjani; jew

(b) xi istituzzjoni oħra finanzjata mill-istat fejn minkejja l-fatt li l-persuna tkun intbagħtet mill-isptar għal raġunijiet mediċi, dik il-persuna tibqa' hemm bħala resident,

għandu jikkontribwixxi lill-Gvern talli jżommu u jmantnih, ammont ta' flus skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, skont ma hawn speċifikat hawn iżjed 'il quddiem.

(2) L-ammont li jitħallas minn dak ir-resident bħala parti mill-kontribuzzjoni ikun jiddependi mil-livell ta' trattament li dak ir-resident ikun qiegħed jirċievi, u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti il-livell ta' trattament għandu jitqies bħala:-

(a) Trattament tal-livell 1, fejn jiġi provdut servizz residenzjali bi trattament biss bażiku u minimu; jew

(b) Trattament tal-livell 2, fejn is-servizz residenzjali provdut ikun jinkludi dak il-livell ta' trattament li jkun imur lil hinn minn trattament bażiku u minimu kif ċertifikat mill-Grupp Interdixxiplinari ta' Valutazzjoni fi ħdan id-Dipartiment għas-Servizzi għall-Anzjani u għall-Komunità.

**3.** (1) Kull resident li qabel it-3 ta' Jannar 2004, diġà kien f'servizz residenzjali finanzjat mill-Istat u kien qed jirċievi Trattament Rati ta' ħlas.

tal-livell 1, skont ir-regolament 2(2)(a), għandu jikkontribwixxi 60% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-*income*, u 60%, minn kull qliegħ ieħor li jkun irċieva matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qliegħ bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, nett mit-taxxa fuq l-*income*:

Iżda l-kontribuzzjoni totali ma għandhiex teċċedi €24.46 kull jum, jew tkun waħda tali li tħalli lil dak ir-resident b'inqas minn €1,397.62 fis-sena għad-dispożizzjoni tiegħu.

(2) Kull resident li qabel it-3 ta’ Jannar 2004 diġà kien f'xi servizz residenzjali, u kien qed jirċievi trattament tal-livell 2, skont ir-regolament 2(2)(b), għandu jikkontribwixxi 80% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-*income*, u 60% minn kull qliegħ ieħor li jkun irċieva matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha ssir l-istima ta' qliegħ ieħor bħal dak għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, nett mit-taxxa fuq l-*income*:

Iżda l-kontribuzzjoni totali ma għandhiex teċċedi €31.45 kull jum, jew tkun waħda tali li tħalli dak ir-residenti b'inqas minn €1,397.62 fis-sena għad-dispożizzjoni tiegħu.

(3) Kull resident li sar resident ta' servizz residenzjali bħal dak fi jew wara it-3 ta’ Jannar 2004, u li jkun qiegħed jirċievi trattament tal-livell 1, skont ir-regolament 2(2)(a), għandu jikkontribwixxi 60% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-*income*, u 60% minn kull qliegħ ieħor riċevut matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qliegħ ieħor bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, nett mit-taxxa fuq l-*income:*

Iżda dik il-kontribuzzjoni li ssir mir-resident ma għandhiex tkun waħda tali li tħalli lir-resident b'inqas minn €1,397.62 fis-sena għad-dispożizzjoni tiegħu.

(4) Kull resident li jsir resident ta' servizz residenzjali bħal dak fi jew wara it-3 ta’ Jannar 2004, u li jkun qed jirċievi trattament tal-livell 2, skont ma hu speċifikat hawn qabel, għandu jikkontribwixxi 80% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-*income*, u 60% ta' kull qliegħ ieħor li jirċievi matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qliegħ ieħor bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti nett mit-taxxa fuq l-*income*.

B'dan illi dik il-kontribuzzjoni li ssir mir-resident ma għandhiex tkun waħda tali li tħalli lir-resident b'inqas minn €1,397.62

fis-sena għad-dispożizzjoni tiegħu.

(5) Kull resident li jsir resident ta' servizz residenzjali bħal dak li jkun qed:

(a) jirċievi trattament tal-livell 1, skont ir-regolament 2(2)(a), għandu jikkontribwixxi 40% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-*income*, u 40% ta' kull qliegħ ieħor li jirċievi matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qliegħ ieħor bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti nett mit-taxxa fuq l-*income*, jekk tali resident jirritorna lura il-proprjetà residenzjali li kienet mikrija lilu mill-Awtorità tad-Djar meta jsir resident ta' servizz residenzjali bħal dak; u

(b) jirċievi trattament tal-livell 2, skont ir-regolament 2(2)(a) għandu jikkontribwixxi 60% minn kull pensjoni, għajnuna soċjali u bonus li jirċievi, nett mit-taxxa fuq l-*income*, u 40% ta' kull qliegħ ieħor li jirċievi matul is-sena kalendarja minnufih qabel is-sena li fiha l-istima ta' qliegħ ieħor bħal dak issir għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti nett mit-taxxa fuq l-*income*, jekk tali resident jirritorna lura il-proprjetà residenzjali li kienet mikrija lilu mill-Awtorità tad-Djar meta jsir resident ta' servizz residenzjali bħal dak.

(6) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak ir-resident ikun persuna miżżewġa u tkun teżisti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin, il-frażi kull qliegħ ieħor għandha f'kull każ tinkludi nofs il-qliegħ li jgħaddi fil-komunjoni tal-akkwisti.

(7) Fejn skont l-artikolu 96 tal-Att il-ħlasijiet ta' benefiċċji taħt dak l-Att jinqasmu bejn il-miżżewġin, kull riferenza għal pensjoni, għajnuna soċjali, *allowance* u bonus fil-paragrafi hawn qabel ta' dawn ir-regolamenti għandha titqies bħala li ma tinkludix dik il-parti ta' dik il-pensjoni, għajnuna soċjali, *allowance* jew *bonus* li jitħallas lill-konjuġi tar-resident skont l-imsemmi artikolu 96.

**4.** Meta jsir il-kalkolu għall-finijiet li tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni dovuta minn resident skont ir-regolament 3, għandhom jitqiesu:- Kalkolu ta' mezzi għall-fini li tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni dovuta minn resident.

(a) il-valur ta' kull proprjetà (eskluża d-dar ta' residenza) li tkun, jew tista' tkun, investita jew li tkun qed tintuża bi profitt, eskluża l-għamara, il-ġojjellerija u affarijiet personali oħra:

Iżda l-valur ta' kull proprjetà immobbli urbana li jittieħed għal dawn il-finijiet għandu jkun ittrattat bħala li jipprovdi qligħ fis-sena ekwivalenti għal 5½% tal-valur kapitali

tiegħu;

(b) kull qligħ miksub minn flus mqegħdin fil-bank, attiv likwidu, depożiti għal xi żmien, *bonds, stocks,* ishma u titoli oħra;

(ċ) kull pensjoni, benefiċċju, għajnuna soċjali, *bonus* jew *allowance* kemm jekk dik il-pensjoni, benefiċċju, għajnuna, *bonus* jew *allowance* jkunu kemm jekk ma jkunux imħallsa taħt l-Att;

(d) kull qligħ ieħor jew privileġġ li jkun qiegħed jew li jista' jiġi riċevut jew gawdut minn dak resident, u għal dan l-għan għandu jinkludi kull qligħ jew privileġġ li r-resident ikun direttament jew indirettament ċaħħad lilu nnifsu minnhom biex il-kontribuzzjoni dovuta tiegħu skont dawn ir-regolamenti tiġi stmata b'rata iktar baxxa.

Servizz Residenzjali Finanzjat mill-Istat u Istituzzjoni Finanzjata mill-Istat li huma speċifikati.

**5.** Skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 93 tal-Att, u għall-finijiet tar-regolament 2, dawn l-istituzzjonijiet li ġejjin qegħdin jiġu speċifikati għall finijiet hawn qabel imsemmija:-

Residenza San Vinċenz de Paule
Is-Swali Ġerjatriċi u Residenza Sant'Anna fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex
Sptar Monte Carmeli
Sptar Sir Paul Boffa
Sptar San Luqa
Sptar Ġenerali ta' Għawdex

*Il-*Hostels *għall-Anzjani li hemm ġewwa:*

Cospicua
Floriana
Gżira
Mosta
Msida
Mtarfa
Żejtun; u

kull sodda finanzjata mill-Istat f'residenzi jew istituzzjonijiet għall-anzjani li ma jkunux ta' l-istat li jistgħu jiġu kkuntrattati mill-Gvern.

Jirrevoka S.L. 318.13.

**6.** Ir-Regolamenti dwar Rati għal Servizzi Residenzjali Finanzjati mill-Istat qegħdin b’dawn jiġu rrevokati.